KAPITOLU 449

ATT DWAR IS-SIGURTÀ FL-IKEL

Biex jipprovdi dwar kull ħaġa li għandha x'taqsam mas-sigurtà fl-ikel u biex iwaqqaf Kummissjoni għas-Sigurtà fl-Ikel, biex jintroduċi disposizzjonijiet ġodda dwar l-infurzar fi ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' l-ikel, u biex jirrevoka l-Att dwar Ħwejjeġ ta' l-Ikel, Mediċinali u Ilma tax-Xorb.

13 ta' Settembru, 2002

L-Att XIV ta' l-2002.

TAQSIMA I

Preliminari

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel. Titolu fil-qosor.

2. (1) F'dan l-Att, sakemm ir-rabta tal-kliem ma' teħtieġx xort'oħra - Tifsir.

"additiv" tfisser kull sustanza li normalment ma tiġix kkunsmata bħala ikel fih innifsu u ma tiġix normalment użata bħala ingredjent karatteristiku ta' l-ikel kemm jekk ikollha valur nutrittiv kemm jekk le, li ż-żieda tagħha b'intenzjoni għal xi ikel għal għan teknoloġiku fil-manifattura, proċessar, preparazzjoni, trattament, ippakkjar, trasport jew ħażna ta' dak l-ikel tirriżulta, jew x'aktarx tirriżulta, li dik is-sustanza jew il-prodotti magħmulin minnha jsiru direttament jew indirettament parti minn dak l-ikel;

''awtorità tas-saħħa'' tfisser l-uffiċjal pubbliku li jkun responsabbli għas-saħħa pubblika skond l-Ordinanza dwar l-Organizzazzjoni tad-Dipartiment tas-Saħħa jew kull liġi oħra li tissostitwiha; Kap. 94.

"bejgħ" għandha titqies bħala riferenza għal bejgħ għall-konsum mill-bniedem;

"deskrizzjoni" għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-ikel tinkludi kull deskrizzjoni ta' l-oriġini tiegħu jew tal-mod kif jiġi ppakkjat;

"ikel" tfisser kull sustanza jew prodott, kemm jekk ipproċessati, ipproċessati parzjalment jew mhux ipproċessati, li huma maħsuba, jew raġonevolment mistennija li jiġu inġeriti mill-bnedmin;

"ikel" tinkludi -

(i) xorb, inkluż ilma tajjeb għax-xorb fi stat likwidu jew solidu;

(ii) *chewing gum* u prodotti ta' kompożizzjoni u użu bħalu;

(iii) kull sustanza li tiġi intenzjonalment inkorporata fl-ikel waqt il-manifattura, il-preparazzjoni jew it-trattament tiegħu; u

(iv) kull sustanza oħra li l-Ministru jista' jippreskrivi

b'regolamenti.

Ilma wżat għall-konsum mill-bniedem għandu jħares kull kriterju li l-Ministru jista' jippreskrivi b'regolamenti;

"ikel" ma tinkludix -

(i) annimali jew tjur ħajjin, jew ħut ħajjin li ma jiġux użati jew maħsuba biex jintużaw għall-konsum mill-bniedem waqt li jkunu ħajjin;

(ii) għalf jew ħwejjeġ ta' l-ikel ta' l-annimali, tjur jew ħut;

(iii) kosmetiċi;

(iv) sustanzi narkotiċi jew psikotropiċi skond it-tifsira li hemm fil-Konvenzjoni Singola tal-Ġnus Magħquda ta' l-1961 dwar Drogi Narkotiċi u fil-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda ta' l-1971 dwar Sustanzi Psikotropiċi;

(v) tabakk;

(vi) residwi u kontaminanti; u

(vii) kull sustanza oħra li l-Ministru jista' jippreskrivi b'regolamenti;

"ikel introdott ġdid" tfisser kull ikel li ma jkunx ġie qabel użat għall-konsum mill-bniedem f'Malta, jew ġie użat biss għal ftit, jew ikel prodott, preparat jew proċessat b'dak il-mod billi jintużaw metodi li jipproduċu bidliet sostanzjali fil-valuri ta' taħlita jew ta' nutriment ta' l-ikel, jew fl-użu li għalih dak l-ikel jintuża;

"irradjat" tfisser trattat f'sorsi ta' radjazzjoni jonizzanti, inklużi *X-rays*, raġġi elettroniċi jew raġġi gamma;

"konsumatur" tfisser kull persuna naturali jew legali li, mhux fil-kors ta' negozju, sengħa jew professjoni, tixtri jew b'mod ieħor tirċievi ikel jew sorsi ta' ikel skond it-tifsira mogħtija bid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att;

"kontroll fuq l-ikel" tinkludi l-għadd kollu ta' attivitajiet regolatorji, ta' liċenzjar, ta' infurzar u ta' prevenzjoni u attivitajiet oħra li huma mwettqa għall-għanijiet tas-saħħa, sigurtà ta' l-ikel u iġjene, il-valuri kompożizzjonali jew nutrittivi, jew xort'oħra, għal dak li għandu x'jaqsam mal-preparazzjoni, produzzjoni, proċessar, bejgħ u provvdiment ta' ikel jew sorsi ta' ikel f'Malta, jew li sejrin jidħlu f'Malta, inkluża l-operazzjoni ta' kull negozju f'ikel ikun minn ikun li jkun qed iwettaq dik l-operazzjoni;

"Kummissjoni" tfisser il-Kummissjoni għas-Sigurtà fl-Ikel stabbilita skond l-artikolu 5;

"liċenza" tfisser kull dokument li jawtorizza maħruġ minn xi enti jew awtorità maħtura mill-Gvern għal dak il-għan;

"maħfen" tinkludi kull basket, barmil, gabarrè, pakkett jew kontenitur ta' kull xorta, kemm jekk ikun miftuħ jew magħluq;

"materjal li jiġi f'kuntatt" kull ħaġa jew sustanza li hija maħsuba li tiġi f'kuntatt ma' ikel;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika;

"negozju fl-ikel" tfisser kull operazzjoni, kemm jekk magħmula għall-profitt jew le u kemm jekk pubblika jew privata, li twettaq xi waħda mill-attivitajiet li għandhom x'jaqsmu ma' xi stadju tal-produzzjoni, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni u l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' ikel;

"nutrittiv" tfisser il-valur nuttrittiv; li jittieħed minn nutrijenti fil-kompożizzjoni ta' l-ikel; dawn in-nutrijenti jinkludu protejini, xaħmijiet djetetiċi, karbojdrati, minerali, vitamini, fibri djetetiċi u nutrijenti oħra b'kontenut enerġetiku;

"operazzjoni kummerċjali", għal dak li għandu x'jaqsam ma' ikel jew materjal li jiġi f'kuntatt ma' ikel, tfisser kull waħda minn dawn li ġejjin:

(*a*) il-bejgħ, il-pussess għal bejgħ, u l-offerta, it-turija u r-reklamar għall-bejgħ;

(*b*) il-konsenja, it-tqassim jew li ħaġa tiġi servuta b'riżultat ta' bejgħ;

(*ċ*) il-preparazzjoni għal bejgħ jew il-preżentazzjoni, it-tikkettjar jew it-tgeżwir għal għanijiet ta' bejgħ;

(*d*) il-ħażna jew it-trasport għal għanijiet ta' bejgħ;

(*e*) l-importazzjoni jew l-esportazzjoni;

u, għal dak li għandu x'jaqsam ma' kull sors ta' ikel, tfisser li tottjeni ikel minn dak is-sors ta' ikel għal għanijiet ta' bejgħ jew għall-għanijiet konnessi mal-bejgħ;

"persuna li jkollha liċenza" tfisser kull persuna li tkun lilha ingħatat liċenza jew kull persuna li taġixxi f'lokha;

"persuna responsabbli" tfisser il-persuna li tkun responsabbli għan-negozju ta' l-ikel, għall-post ta' l-ikel jew għall-prodott ta' l-ikel u, fl-assenza tagħha, tinkludi dak l-impjegat jew dik il-persuna l-oħra, li tkun l-impjegat jew il-persuna l-aktar anzjani preżenti, li tkun imqabbda topera n-negozju ta' l-ikel jew il-post ta' l-ikel f'dak il-ħin; dak l-impjegat jew dik il-persuna l-aktar anzjani jkunu preżunti li jkunu qed jaġixxu taħt l-awtorità tal-persuna responsabbli sakemm il-persuna responsabbli ma tippruvax il-kuntrarju;

"post awtorizzat" tfisser kull port, ajruport jew lok ieħor awtorizzat skond jew taħt ir-regolamenti li jkun użat, jew jista' jkun użat, għall-importazzjoni jew esportazzjoni ta' ikel jew sorsi ta' ikel, u għal dak li għandu x'jaqsam ma' ikel f'konsenja partikolari, tinkludi kull post hekk awtorizzat għall-importazzjoni ta' dik il-konsenja;

"post ta' l-ikel" tfisser kull post użat għall-għanijiet ta' negozju ta' l-ikel, u tinkludi posti, kemm jekk ikunu fis-swieq fil-miftuħ jew magħluqa, vetturi, kemm jekk ikunu kif ukoll jekk ma jkunux jiċċaqilqu, u bastimenti inklużi bastimenti tas-sajd;

"preparazzjoni" tinkludi l-manifattura u kull xorta ta' trattament jew tibdil, inkluż l-immanniġġjar, u "preparazzjoni għall-bejgħ" tinkludi l-ippakkjar u "li jiġi preparat għall-bejgħ" għandha tinftiehem skond hekk;

"qorti" tfisser dik il-qorti li jkollha ġurisdizzjoni skond il-liġi fuq kull persuna li tkun akkużata li għamlet reati kontra xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att;

"reklam" tinkludi kull avviż, ċirkolari, tikketta, ħaġa li tgeżwer biha, fattura jew dokument jew preżentazzjoni oħra, u kull xandira jew avviż pubbliku bi preżentazzjoni viżwali jew bis-smigħ jew bit-tnejn, u "tagħmel reklam" għandha tiftiehem f'dan is-sens;

"sors ta' ikel" tfisser kull xitla li tkun qed tikber, annimali, tjur jew ħut ħajjin li minnhom hu maħsub li jittieħed ikel, kemm jekk dan isir permezz tal-ħsad, permezz tal-ħlib, il-ġbir ta' bajd jew xort'oħra;

"sors ta' provvista" għandhom jinkludu kull għajn, bir, tank, ġiebja, kanal, akwedott, ġibjun u xogħlijiet oħra ta' l-ilma;

"teknika artifiċjali" ma tinkludix kull teknika li tinvolvi mhux aktar minn, jew mhux aktar mill-għajnuna ta', proċessi ta' riproduzzjoni li jiġru b'mod naturali, inklużi tekniċi ta' trobbija selettiva jew fertilizzazzjoni *in vitro*;

"tikketta" tinkludi kull *tag*, anell jew kullar, isem tal-marka, *trade mark*, materja illustrata jew materja deskrittiva oħra fi kwalunkwe każ, li tkun miktuba, stampata, stensiljata, immarkata, imbuzzata jew impressa fuq, jew imwaħħla ma', maħfen ta' ħaġa ta' l-ikel, jew li b'xi mod ieħor tkun kjarament viżibbli mill-ippakkjar tiegħu;

"tikkettjar" tinkludi kull kelma, partikolaritajiet, isem tal-marka, *trade mark*, materja illustrata jew xbieha li għandha x'taqsam ma' l-ikel u li tidher fuq l-ippakkjar ta' l-ikel jew fuq xi dokument, avviż, tikketta, anell jew kullar li jakkompanja l-ikel;

"uffiċjal awtorizzat" tfisser kull persuna li tkun kwalifikata kif imiss għas-sodisfazzjon ta' l-awtorità tas-saħħa.

(2) Għall-għanijiet ta' dan l-Att -

(*a*) il-provvista ta' ikel, mod ieħor milli permezz ta' bejgħ, fil-kors ta' negozju; u

(*b*) kull ħaġa oħra li ssir in konnessjoni ma' ikel u li tkun, minn żmien għal żmien, speċifikata b'regolamenti magħmula taħt dan l-Att,

għandha titqies bħala bejgħ ta' l-ikel, u referenzi għal "xirjiet" u "xiri" għandhom jitqiesu skond hekk.

Applikabbiltà ta' dan l-Att.

3. (1) Dan l-Att għandu japplika għall-prodotti kollha ta' l-ikel, kemm jekk dawn jiġu prodotti f'Malta, importati f'Malta jew esportati barra minn Malta, u kemm jekk ikunu maħsuba għal bejgħ fis-suq lokali jew maħsuba għall-esportazzjoni.

(2) Dan l-Att għandu wkoll japplika -

(*a*) dwar kull ikel maħsub li jkun offrut bħala premju jew rigal, jew li jingħata in konnessjoni ma' xi divertiment li għalih jidħol il-pubbliku, kemm bi ħlas jew b'xejn, bħallikieku l-ikel kien, jew kien ġie, muri għall-bejgħ minn kull persuna li jkollha x'taqsam ma' l-organizzazzjoni tad-divertiment;

(*b*) dwar kull ikel li għall-għanijiet ta' reklam jew fit-tmexxija 'l quddiem ta' kull kummerċ jew negozju, jiġi offrut bħala premju jew rigal jew jingħata, bħallikieku l-ikel kien, jew kien ġie, muri għall-bejgħ mill-persuna li toffri jew li tagħti dak l-ikel; u

(*ċ*) dwar kull ikel li jiġi muri jew depożitat f'xi post għall-għan li jiġi offrut jew mogħti kif imfisser fil-paragrafi (*a*) u (*b*), bħallikieku l-ikel kien, jew kien ġie, muri għall-bejgħ mill-persuna responsabbli rigward il-post,

u f'dan l-artikolu, il-kelma "divertiment" tinkludi kull laqgħa soċjali, xalar, esibizzjoni, wirja, logħba, sport jew prova ta' ħila.

Preżunzjonijet.

4. (1) Għall-finijiet ta' dan l-Att, kull ikel komunement użat għall-konsum mill-bniedem għandu, jekk jinbiegħ jew jiġi offrut, muri, jew miżmum għall-bejgħ, jitqies, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, li nbiegħ jew, skond il-każ, li kien maħsub jew li għandu jiġi maħsub għall-bejgħ, għall-konsum mill-bniedem;

(2) Sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, jitqies li -

(*a*) kull ikel komunement użat fil-manifattura ta' ikel għall-konsum mill-bniedem; u

(*b*) kull ħaġa jew sustanza komunement użata fil-manifattura ta' ikel għal konsum mill-bniedem,

li jkun instab f'post użat għall-preparazzjoni, ħażna jew bejgħ ta' dak l-ikel jitqies li kien maħsub għall-bejgħ, jew għall-manifattura ta' ikel għall-bejgħ, għall-konsum mill-bniedem.

(3) Kull ħaġa jew sustanza li tista' tintuża fil-kompożizzjoni jew fil-preparazzjoni ta' ikel li hu komunement użat għall-konsum mill-bniedem li tinstab f'post li fih dak l-oġġett jiġi preparat għandha, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, titqies li hi maħsuba biex tintuża għal hekk.

TAQSIMA II

Il-Kummissjoni għas-Sigurtà fl-Ikel

Il-Kummissjoni għas-Sigurtà fl-Ikel.

5. (1) Qiegħdha hawnhekk titwaqqaf Kummissjoni għas-Sigurtà fl-Ikel li tkun magħmula minn:

(*a*) *chairperson*;

(*b*) l-uffiċjal pubbliku anzjan responsabbli għall-operazzjonijiet rigward is-saħħa pubblika, nominat mill-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika;

(*ċ*) l-uffiċjal pubbliku anzjan responsabbli għall-operazzjonijiet rigward is-servizzi veterinarji, nominat mill-Ministru responsabbli għas-servizzi veterinarji;

(*d*) l-uffiċjal anzjan responsabbli għall-operazzjonijiet rigward ikel fi ħdan l-Awtorità Maltija dwar l-I*standards*, nominat miċ-*Chairman* ta' dik l-Awtorità;

(*e*) l-uffiċjal pubbliku anzjan responsabbli għall-operazzjonijiet rigward l-affarijiet tal-konsumatur, nominat mill-Ministru responsabbli għall-affarijiet tal-konsumatur;

(*f*) l-uffiċjal pubbliku anzjan responsabbli għall-operazzjonijiet rigward il-promozzjoni tas-saħħa, nominat mill-Ministru responsabbli għall-promozzjoni tas-saħħa;

(*g*) l-uffiċjal pubbliku anzjan responsabbli għall-operazzjonijiet rigward il-protezzjoni ta' l-ambjent, nominat mill-Ministru responsabbli għall-protezzjoni ta' l-ambjent; u

(*h*) l-uffiċjal pubbliku anzjan responsabbli għall-operazzjonijiet rigward is-saħħa tal-pjanti, nominat mill-Ministru responsabbli għas-saħħa tal-pjanti.

(2) B'żieda, il-Ministru jista' wkoll jaħtar mhux iktar minn tliet membri oħra minn fost persuni li ma għandhom l-ebda interess la dirett u lanqas indirett f'xi negozju ta' l-ikel.

(3) Iċ-*Chairperson* u l-membri l-oħra tal-Kummissjoni, maħtura mill-Ministru skond is-subartikolu (2), ikunu hekk maħtura għal perjodu ta' tliet snin.

(4) Iċ-*Chairperson* u l-membri l-oħra tal-Kummissjoni msemmija fis-subartikolu (3) jistgħu jirriżenjaw mill-kariga tagħhom f'kull żmien billi jagħtu avviż bil-miktub lill-Ministru.

(5) Il-Ministru jista' f'kull żmien ineħħi ċ-*Chairperson* u, jew xi membru maħtur skond is-subartikolu (2) minħabba inkapaċità fit-twettieq tal-funzjonijiet tagħhom, falliment jew traskuraġni tad-dmirijiet.

(6) Il-*quorum* meħtieġ għal-laqgħat tal-Kummissjoni jkun iċ-*Chairperson* u mhux inqas minn nofs il-membri l-oħra:

Iżda l-Kummissjoni tista' taġixxi minkejja kull vakanza fiha.

(7) Id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni jittieħdu b'maġġoranza tal-voti tal-membri preżenti fil-laqgħa. Iċ-*Chairperson* tal-Kummissjoni jkollu vot oriġinali u, f'każ ta' voti ndaqs, ukoll t-tieni vot jew vot deċisiv.

(8) Il-Ministru għandu jaħtar uffiċjal pubbliku f'dipartiment fi ħdan il-Ministeru tiegħu biex jagħmilha ta' segretarju tal-Kummissjoni.

(9) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 9 u d-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att, il-Kummissjoni tista tirregola l-proċeduri u l-laqgħat tagħha stess b'dak il-mod li jidhrilha xieraq.

Rappreżentanza ġuridika u legali.

6. Ir-rappreżentanza ġuridika u legali tal-Kummissjoni tkun vestita fiċ-*Chairperson*:

Iżda l-Kummissjoni tista' taħtar lil xi wieħed jew aktar mill-membri l-oħra biex jidhru f'isem u għall-Kummissjoni f'kull proċediment ġudizzjarju, u f'kull att, kuntratt, istrument jew transazzjoni oħra li tkun.

Funzjonijiet tal-Kummissjoni.

7. (1) Ikun id-dmir tal-Kummissjoni li timmonitorja, tikkordina u tirrevedi il-prattiċi, l-oprazzjonijiet u l-attivitajiet kollha li għandhom x'jaqsmu ma' l-ikel u għal dan il-għan għandha:

(*a*) tapplika b'mod effettiv il-prinċipju ta' prekawzjoni meta jiġi identifikat jew raġjonevolment suspettat li jkun hemm riskju għall-konsumatur;

(*b*) timmonitorja l-infurzar ta' kull leġislazzjoni, *standards* jew prattiċi rilevanti rigward negozji ta' l-ikel, postijiet ta' l-ikel u persuni li joperaw fin-negozju ta' l-ikel;

(*ċ*) tamministra sistema effiċjenti u effettiv għal għassa rapida, ġbir lura ta' prodott u tneħħija ta' prodott biex tipproteġi l-konsumatur minn kull riskju li jkun ġie identifikat jew suspettat fi prodotti li jkunu diġà disponibbli għall-konsumatur;

(*d*) tagħmel dawk l-affarijiet kollha li jkunu neċessarji biex tiżgura li l-obbligi internazzjonali li jidħol għalihom il-Gvern dwar il-ħwejjeġ kollha li għandhom x'jaqsmu ma' l-ikel jiġu mħarsa;

(*e*) tifformula u timplimenta *policies* u strateġiji li jkollhom għanijiet li jaħsbu fil-qasir jew fit-tul, rigward l-affarijiet kollha li għandhom x'jaqsmu ma' l-ikel, ikluż l-isviluppar ta' pjan nazzjonali ta' sorveljanza u nfurzar dwar is-sigurtà fl-ikel u biex tiżgura l-implimentazzjoni effettiva, trasparenti u komprensiva ta' dak il-pjan;

(*f*) tagħti parir lill-Ministru dwar kull ħaġa li għandha x'taqsam mas-sigurtà fl-ikel jew fuq talba tal-Ministru jew, jekk jidhrilha li jkun xieraq, mingħajr talba bħal din;

(*g*) tagħmel dawk l-istudji, riċerka jew investigazzjonijiet dwar kull ħaġa li għandha x'taqsam ma' l-ikel, u għal dan il-għan għandha titlob is-sottomissjoni ta' kull informazzjoni u tanalizza u tinterpreta kull *data* jew informazzjoni sottomessa lilha;

(*h*) tiżgura li jinżammu *records* u reġistri xierqa biex jiġi żgurat li l-persuni responsabbli għal kull prodott ta' l-ikel jistgħu jiġu identifikati;

(*i*) toħroġ dawk il-linji ta' gwida li jistgħu jkunu meħtieġa rigward is-sigurtà fl-ikel;

(*j*) tikkonsidra u tirrevedi l-effikaċja ta' prattiċi ta' sigurtà fl-ikel li jkunu adottati minn żmien għal żmien, u tagħmel rapport dwarhom lill-Ministru għall-anqas darba fis-sena;

(*k*) teżerċita dawk il-funzjonijiet l-oħra li l-Ministru jista' jippreskrivi b'regolamenti; u

(*l*) taqdi dawk id-dmirijiet l-oħra li jistgħu jwasslu għall-aħjar twettieq tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att.

(2) Il-funzjonijiet tal-Kummissjoni jkunu vestiti:

(*a*) dwar l-iġjene fl-ikel u affarijiet li għandhom x'jaqsmu mas-saħħa pubblika, fl-uffiċjal pubbliku imsemmi fl-artikolu 5(1)(*b*);

(*b*) dwar materji veterinarji u ikel ta' oriġini mill-annimali, fl-uffiċjal pubbliku imsemmi fl-artikolu 5(1)(*ċ*);

(*ċ*) dwar l-istima ta' riskji fl-ikel, fl-uffiċjal imsemmi fl-artikolu 5(1)(*d*);

(*d*) dwar ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni tal-konsumatur, fl-uffiċjal pubbliku imsemmi fl-artikolu 5(1)(*e*);

(*e*) dwar nutriment u affarijiet li għandhom x'jaqsmu mal-promozzjoni tas-saħħa, fl-uffiċjal pubbliku imsemmi fl-artikolu 5(1)(*f*);

(*f*) dwar organiżmi li jkunu ġew modifikati ġenetikament, ikel introdott ġdid u ħwejjeġ dwar l-ambjent, fl-uffiċjal pubbliku imsemmi fl-artikolu 5(1)(*g*); u

(*g*) dwar miżuri fitosanitarji u ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' ikel ta' oriġini minn pjanti,fl-uffiċjal pubbliku imsemmi fl-artikolu 5(1)(*h*).

(3) Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, "ikel" tinkludi -

(*a*) kull sustanza użata, li tista' tiġi użata, jew li hi maħsuba biex tġi użata fl-ikel jew fix-xorb mill-bnedmin; u

(*b*) kull sustanza użata, li tista' tiġi użata, jew li hi maħsuba biex tġi użata fl-ikel jew fix-xorb mill-annimali jew għall-ikel jew għal għanijiet ta' tisqija ta' pjanti li jkunu maħsuba għal kollox jew parzjalment għall-konsum mill-bniedem; u

(*ċ*) kull sustanza li tidħol fi jew tkun użata fil-produzzjoni, fit-taħlita jew fil-preparazzjoni tas-sustanzi msemmija fil-paragrafi (*a*) u (*b*).

Setgħa li jiġu ppublikati twissijiet u informazzjoni.

8. (1) Il-Kummissjoni tista' tagħmel jew toħroġ dikjarazzjonijiet pubbliċi li jidentifikaw jew jagħtu twissjiet jew informazzjoni dwar xi waħda mill-affarijiet li ġejjin:

(*a*) ikel jew sorsi ta' ikel li jkunu ta' ħsara għas-saħħa jew mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem;

(*b*) il-provvista ta' ikel jew sorsi ta' ikel, tkun min tkun il-persuna li tissupplixxi, li huma jew x'aktarx jistgħu jikkawżaw ħsara għas-saħħa u li huma mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem, u l-persuni mqabbdin biex jaħdmu fil-provvista ta' dak l-ikel jew sorsi ta' ikel;

(*ċ*) il-prattiċi, li jintużaw rigward xi negozju ta' l-ikel, li huma ta' detriment għall-interessi tal-konsumaturi u, jew il-persuni li huma mqabbdin bi prattiċi bħal dawk;

(*d*) kull ħaġa oħra li taffettwa b'mod żvantaġġuż, jew tista' taffettwa b'mod żvantaġġuż is-saħħa ta' konsumaturi rigward ix-xiri jew l-użu ta' ikel jew sorsi ta' ikel.

(2) Meta tagħmel dikjarazzjoni kif imsemmi fis-subartikolu

(1), il-Kummissjoni għandha tħares il-prinċipji ta' konsistenza, imparzjalità u oġġettività, u ma għandhiex tagħmel din id-dikjarazzjoni jekk ma jkunx fl-interess pubbliku li hekk għandu jsir.

(3) Il-Gvern, il-Kummissjoni u kull uffiċjal pubbliku li jaġixxi skond l-istruzzjonijiet jew l-awtorità tal-Kummissjoni ma jkunux u ma jsirux responsabbli għal kull att magħmul *bona fide* skond is-subartikolu (1); din l-eżenzjoni minn responsabbiltà għandha tkun estiża għal kull persuna li tippubblika, tistampa, tirrekordja, ixxandar, tikkomunika jew tirriproduċi dik l-informazzjoni f'kull forma tkun li tkun.

Twettieq tax-xogħol tal-Kummissjoni. Kap. 427.

9. (1) Għall-finijiet ta' l-artikolu 27(2)(*d*) ta' l-Att dwar is-Sigurezza tal-Prodotti, id-Direttur ta' Sorveljanza fuq is-Suq għandu perjodikament jagħti pariri, jissorvelja u jagħmel verifiki dwar il-funzjonijiet tal-Kummissjoni.

(2) Meta taħt xi liġi oħra, persuna jew awtorità jkollha s-setgħa li tieħu xi miżura jew azzjoni li għandha x'taqsam mas-sigurtà ta' l-ikel, dik il-persuna jew dik l-awtorità għandhom, malli jieħdu dik il-miżura jew dik l-azzjoni, minnufih jinformaw lill-Kummissjoni dwar dak it-teħid ta' miżura jew azzjoni.

(3) Il-Ministru jista' jagħmel, jemenda u jirrevoka regolamenti għat-twettiq xieraq tax-xogħol tal-Kummissjoni.

TAQSIMA III

Regolamenti

Setgħa tal-Ministru li jagħmel regolamenti.

10. (1) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti -

(*a*) dwar l-importazzjoni, l-esportazzjoni, il-preparazzjoni, it-taħlita, ir-reklamar, il-bejgħ, ir-rimi u, jew il-qirda ta' ikel maħsub għall-konsum mill-bniedem, u biex jippreskrivi *standards* ta' l-anqas kwalità, taħlita jew proprjetajiet ta' dak l-ikel li jkunu permessi, u bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, dawn ir-regolamenti jistgħu partikolarment -

(i) jeħtieġu, jipprojbixxu, jew jirregolaw iż-żieda ta' kull additiv jew sustanza speċifikati, taħlita ta' additivi jew sustanzi, jew xi sustanza jew additiv ta' xi klassi speċifikata, lil xi ikel maħsub għall-konsum mill-bniedem jew lil xi klassi ta' ikel bħal dan, jew l-użu ta' xi sustanza bħal din bħala ingredjent fil-preparazzjoni ta' dak l-ikel;

(ii) jeħtieġu, jipprojbixxu jew jirregolaw l-użu ta' xi materjali jew ta' xi proċess jew trattament fil-preparazzjoni ta' xi ikel maħsub għall-konsum mill-bniedem, jew ta' xi klassi ta' ikel bħal dak, inkluż fil-ħażna ta' ikel jew f'sorsi ta' ikel;

(iii) jipprojbixxu jew jirregolaw il-bejgħ, il-possess għall-bejgħ jew l-offerta, il-wiri jew irriklamar għall-bejgħ, ta' xi sustanza speċifika, jew ta' xi sustanza ta' xi klassi speċifikata, bil-ħsieb li

tintuża fil-preparazzjoni ta' xi ikel maħsub għall-konsum mill-bniedem, u l-pussess ta' kull sustanza bħal din għall-użu fil-preparazzjoni ta' ikel maħsub għall-bejgħ għall-konsum mill-bniedem;

(iv) jimponu ħtiġiet jew projbizzjonijiet dwar, u mod ieħor jirregolaw, it-tikkettjar, l-istampar, l-immarkar, il-preżentazzjoni jew ir-reklamar ta' xi ikel maħsub għall-bejgħ għall-konsum mill-bniedem, u d-deskrizzjonijiet li jistgħu jiġu mogħtija lil xi ikel bħal dan; u jista' f'xi regolamenti magħmulin taħt dan il-paragrafu jeħtieġ li dawn it-tikketti jkunu bl-ilsien Malti u, jew bl-ilsien Ingliż;

(v) jipprojbixxu jew jirregolaw il-bejgħ, il-pussess għall-bejgħ, l-offerta, il-wiri jew ir-reklamar għall-bejgħ, l-importazzjoni, il-konsenja jew it-twassil, jew l-esportazzjoni, ta' xi ikel maħsub għall-konsum mill-bniedem li ma jħarisx ir-regolamenti magħmulin taħt dan l-artikolu, jew li dwaru ikun sar reat kontra xi wieħed minn dawk ir-regolamenti;

(vi) jipprojbixxu jew jimponu ħtiġiet dwar, jew mod ieħor jirregolaw is-sorsi tal-provvista ta' l-ilma użat fil-preparazzjoni, proċessar, tibdil jew bejgħ ta' ikel għall-konsum jew użu mill-bniedem, kemm jekk ikun jew ma jkunx għall-għanijiet ta' xorb;

(vii) jippreskrivu *standards* ta' iġjene rigward ikel, utensili, tagħmir u kull ħaġa oħra użata fil-manifattura, fil-preparazzjoni, fl-ippriżervar, fl-ippakkjar, fil-ħażna, fl-immaniġġar, fit-trasport, fid-distribuzzjoni, fir-rimi, fil-qirda, u fl-ittestjar ta' l-ikel;

(viii) jagħtu s-setgħa lill-awtorità tas-saħħa biex teħtieġ li kull persuna li tmexxi negozju li jinkludi l-produzzjoni, l-importazzjoni, l-esportazzjoni, l-użu jew id-distribuzzjoni ta' xi sustanza wżata fil-proċess, preparazzjoni jew produzzjoni ta' xi ikel maħsub għall-konsum mill-bniedem, li tagħti lill-awtorità tas-saħħa dawk il-partikolaritajiet li jistgħu jkunu speċifikati f'dawk ir-regolamenti, li jkollhom x'jaqsmu mat-taħlita u l-użu ta' dik is-sutanza;

(*b*) jiżguraw it-tħaris tal-ħtiġiet ta' kondizzjonijiet u prattika ta' iġjene u ta' sanità in konnessjoni mat-tmexxija ta' operazzjonijiet kummerċjali għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-ikel jew sorsi ta' l-ikel, u bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li intqal qabel, dawk ir-regolamenti jistgħu partikolarment -

(i) jimponu l-ħtiġiet dwar il-kostruzzjoni, it-tqassim, id-drenaġġ, it-tagħmir, il-manutenzjoni,

l-indafa, il-ventilazzjoni, id-dawl, il-fornitura ta' ilma u l-użu ta' post li fih jew minnu ikel maħsub għall-konsum mill-bniedem jiġi prodott jew mibjugħ, jew jiġi offrut, muri, maħżun jew preparat għall-bejgħ, inklużi kull partijiet ta' dak il-post li fihom apparat jew utensili jitnaddfu, jew li fihom iż-żibel jintefa' jew jiġi maħżun;

(ii) jimponu l-ħtiġiet dwar il-provvista, il-manutenzjoni u t-tindif ta' faċilitajiet sanitarji u ta' ħasil li għandhom x'jaqsmu ma' dak il-post, ir-rimi ta' żibel u l-manutenzjoni u t-tindif ta' apparat, tagħmir, forituri u utensili wżati f'dak il-post;

(iii) jipprojbixxu jew jirregolaw il-bejgħ jew ta' l-importazzjoni ta' apparat jew utensili magħmula għall-użu fil-preparazzjoni ta' l-ikel maħsub għall-konsum mill-bniedem u li jkun fihom materjal speċifiku jew materjal ta' klassi speċifika;

(iv) jikkontrollaw jew mod ieħor jirregolaw l-użu ta' mħafen, u l-ippakkjar jew it-tgeżwir ta' xi ikel maħsub għall-bejgħ għall-konsum mill-bniedem jew ta' xi ingredjenti tiegħu;

(v) jimponu ħtiġiet dwar l-ilbies li għandu jintlibes minn persuni f'kull post bħal dak;

(vi) jippreskrivu l-prekawzjonijiet li għandhom jittieħdu biex l-ikel jitħares minn infezzjoni jew kontaminazzjoni;

(vii) jirregolaw b'mod ġenerali it-trattament u r-rimi ta' kull ikel li ma jkunx tajjeb għall-konsum mill-bniedem;

(*ċ*) jiżguraw it-tħaris ta' kondizzjonijiet iġjeniċi dwar materjali li jiġu f'kuntatt ma' ikel li huma maħsuba li jiġu f'kuntatt ma' ikel għall-konsum mill-bniedem;

(*d*) jimponu l-ħtiġiet jew projbizzjonijiet, jew mod ieħor jirregola t-tikkettjar, l-immarkar jew ir-reklamar tal-materjali msemmija fil-paragrafu (*ċ*), u d-deskrizzjonijiet li jistgħu jiġu applikati għalihom;

(*e*) jipprojbixxu jew jirregolaw b'mod ieħor t-tmexxija ta' operazzjonjiet kummerċjali dwar il-materjali msemmija fil-paragrafu (*ċ*);

(*f*) jipprojbixxu jew jirregolaw t-tmexxija ta' operazzjonijiet kummerċjali dwar ikel introddot ġdid jew ingredjenti ta' ikel ġodda, jew sorsi ta' ikel li minnhom maħsub li jittieħed dak l-ikel, ta' xi klassi kif jista' jiġi speċifikat fir-regolamenti; jew

(*g*) jipprojbixxu jew jirregolaw t-tmexxija ta' dawk l-operazzjonijiet dwar ikel ġenetikament modifikat jew irradjat, jew ikel derivat minn dawk is-sorsi ta' ikel, ta' kull klassi kif jista' jiġi speċifikat;

(*h*) jeskludu, f'kull każ, mill-projbizzjoni ta' importazzjoni jew esportazzjoni ta' kull ikel jew sors ta' ikel li jkun ta' deskrizzjoni speċifikata skond jew taħt ir-regolamenti u, f'każ ta' projbizzjoni ta' importazzjoni, jiġi importat jew esportat għall-użu f'dak il-post li jista' jkun awtorizzat;

(*i*) jirregolaw b'mod ġenerali l-ikel, sorsi ta' l-ikel jew il-materjali li jiġu f'kuntatt ma' l-ikel, inkluži l-projbizzjoni jew ir-regolamentazzjoni tat-tmexxija ta' operazzjonijiet kummerċjali li għandhom x'jaqsmu ma' ikel, sorsi ta' ikel jew materjali li jiġu f'kuntatt ma' ikel, kif jistgħu jidhrulu li jkunu spedjenti jew neċessarji biex jitħares xi ftehim internazzjonali li japplika għal Malta;

(*j*) bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (5), jipprovdu għall-ħtiġa tar-reġistrazzjoni jew tal-pussess ta' liċenza rigward kull post ta' l-ikel, negozji ta' l-ikel u persuni li joperaw f'xi negozju ta' l-ikel jew li jkunu responsabbli għal xi post ta' l-ikel;

(*k*) jipprovdu għall-ħatra ta' laboratorji uffiċjali għall-għanijiet ta' dan l-Att;

(*l*) jirregolaw l-affarijiet li għandhom jitqiesu biex jiġi stabbilit jekk, u f'liema żminijiet, għandhom jiġu prokurati kampjuni;

(*m*) jirregolaw il-mod dwar kif għandhom jiġu prokurati kampjuni, inkluži l-passi li għandhom jittieħdu biex jiġi żgurat li l-kampjuni prokurati jkunu kampjuni sewwa u xierqa;

(*n*) jirregolaw dwar x'għandu jsir minn kampjuni, inkluż, fejn ikun xieraq, il-qsim tagħhom f'partijiet;

(*o*) jirregolaw il-persuni li lilhom il-kampjuni jew il-partijiet tal-kampjuni għandhom jiġu konsenjati u l-persuni li għandhom iżommuhom;

(*p*) jirregolaw il-metodi li għandhom jintużaw fl-analiżi u fl-eżami ta' kampjuni, jew fil-klassifikazzjoni jew fl-evalwazzjoni tar-riżultati ta' dawk l-analiżi jew l-eżamijiet; u

(*q*) jipprovdu biex jingħata seħħ għal kull obbligu jew ftehim internazzjonal li tiegħu Malta tista' tkun waħda mill-partijiet.

(2) Kull partikolarità jew informazzjoni oħra miksuba mill-awtorità tas-saħħa skond xi regolamenti magħmulin skond is-subartikolu (1)(*a*)(viii) ma għandhiex tiġi svelata ħlief skond ma jkun meħtieġ għall-għanijiet ta' xi regolamenti magħmula skond is-subrtikolu (1)(*a*)(i), (ii), (iii) jew (v) jew għall-għanijiet ta' xi proċedimenti dwar reat.

(3) Il-kondizzjonijiet u l-ħtiġiet imposti fuq postijiet, b'regolamenti magħmulin skond is-subartikolu (1)(*b*), jistgħu jiġu estiži għal inġenji tal-baħar, posti, u lokalitajiet oħra kif jista' jkun preskritt f'dawk ir-regolamenti.

(4) Għall-finijiet tas-subartikolu (1)(*f*), (*g*) u (*h*), sors ta' ikel jitqies li jkun ġie modifikat ġenetikament jekk xi waħda mill-ġeni jew materjal ieħor ġenetiku fis-sors ta' l-ikel -

(*a*) tkun ġiet modifikata permezz ta' xi teknika artifiċjali; jew

(*b*) tintiret jew tkun derivata b'mod ieħor, permezz ta' kull kwantità jew repliki, minn materjal ġenetiku li jkun ġie hekk modifikat; jew

(*ċ*) tkun ġiet modifikata permezz ta' xi mezzi oħra kif jista' jiġi preskritt mill-Ministru.

(5) Regolamenti magħmula skond is-subartikolu (1)(*j*) jistgħu jipprovdu għas-sospensjoni jew għat-tħassir ta' kull reġistrazzjoni, jew għal kollox jew dwar parti minn dak in-negozju li għalih tkun qed issir l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni, jew li dwaru jkun hemm reġistrazzjoni, jew għar-rifjut, sospensjoni jew tħassir ta' kull liċenza jew ta' applikazzjoni għal liċenza li hemm provdut għaliha f'dan l-Att -

(*a*) meta l-ħtiġiet tar-regolamenti magħmulin skond dan l-artikolu ma jkunux imħarsa dwar dak in-negozju; jew

(*b*) meta l-post, il-vettura, il-posti jew lokal ieħor, jew xi parti minnu, jkunu xort'oħra mhux xierqa, meta jiġu konsidrati l-iġjene u b'mod partikolari il-qagħda, il-kostruzzjoni jew il-kondizzjoni ta' dak il-post, vettura, posti jew lokal ieħor, jew xi attivitajiet li jsiru hemmhekk, għall-użu għall-fini jew għall-finijiet speċifikati fl-applikazzjoni relattiva, jew kif huma fil-fatt qed jintużaw, skond il-każ.

(6) Kull persuna li tikser xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' xi regolamenti magħmul skond is-subartikolu (1) tkun ħatja ta' reat.

(7) Fejn skond xi liġi tiġi konferita setgħa lil Ministru biex jagħmel regolamenti li għandhom x'jaqsmu ma' l-ikel, din is-setgħa għandha tiġi eżerċitata suġġetta għall-konsultazzjoni mal-Ministru.

TAQSIMA IV

Disposizzjonijiet Ġenerali

Reġistrazzjoni ta' Postijiet ta' l-Ikel, eċċ

Reġistrazzjoni ta' postijiet ta' l-ikel, eċċ.

11. (1) Ebda persuna ma għandha taħdem f'negozju ta' l-ikel sakemm in-negozju u l-post li għandu jiġi użat għal dak il-għan ma jkunux ġew reġistrati ma' u, jekk ikun hekk meħtieġ taħt jew skond dan l-Att, liċenzjati mill-awtorità tas-saħħa.

(2) L-ebda post ta' l-ikel li jkun reġistrat għall-użu bħala, jew jekk ikun hekk meħtieġ taħt jew skond dan l-Att, liċenzjat għall-għan ta', xi negozju ta' l-ikel ma għandhom jintużaw mod ieħor ħlief għall-għan li għalih jkunu ġew reġistrati jew liċenzjati, u skond xi termini jew kondizzjonijiet ta' dik il-liċenza, u skond kull regolament li japplikja għalihom.

(3) Kull persuna li tikser id-disposizzjonijiet tas-subartikoli

(1) jew (2) tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu.

Sigurtà ta' Ikel

Ikel imġieġħel isir ta' ħsara għas-saħħa.

12. (1) Kull persuna li, fil-waqt li topera xi negozju ta' l-ikel, xjentement iġġieġħel li ikel, maħsub biex jinbiegħ għal konsum mill-bniedem, isir ta' ħsara għas-saħħa b'kull mezz ikun x'ikun tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, jiġi determinat jekk ikel ikunx ta' ħsara għas-saħħa billi jiġi stmat mhux biss l-effett li dak l-ikel ikollu probabilment fuq is-saħħa ta' persuna li tikkunsmah, iżda wkoll il-probabiltà li l-effett kumulattiv ta' ikel li sostanzjalment ikun ta' l-istess kompożizzjoni jkollu fuq is-saħħa ta' bniedem li jikkonsmah f'kwantitajiet ordinarji.

Sorveljar fuq is-sigurtà ta' ikel.

13. (1) Kull persuna li taħdem f'xi negozju ta' l-ikel għandha tissorvelja fuq is-saħħa ta' l-ikel kollu li jkun taħt il-kontroll tagħha, u meta tkun taf, jew għandha raġuni valida li tissuspetta li xi ikel, sors ta' ikel jew materjal li jiġi f'kuntatt ma' ikel jista' jikkawża ħsara għas-saħħa, għandha minnufih, jew kemm jista' jkun malajr, tinforma lill-awtorità tas-saħħa u tieħu kull azzjoni oħra li l-Ministru jista' jippreskrivi b'regolamenti.

(2) Kull persuna li tonqos li tħares id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu.

Ikel li ma jħarisx il-ħtiġiet ta' sigurtà.

14. (1) Kull persuna li -

(*a*) tbiegħ, toffri, tesponi jew tirreklama għall-bejgħ, jew ikollha fil-possess tagħha għall-bejgħ jew għall-preparazzjoni tal-bejgħ għall-konsum mill-bniedem;

(*b*) tiddepożita għand, jew tikkonsenja lil, xi persuna oħra, għall-bejgħ jew għall-preparazzjoni tal-bejgħ, għall-konsum mill-bniedem;

(*ċ*) tqassam bħala kumpens jew xort'oħra jew iġġorr minn post għall-ieħor, għall-konsum mill-bniedem;

(*d*) toffri bħala premju jew rigal, jew tagħti biex jiġi hekk offrut,

xi ikel li ma jħarisx il-ħtiġiet ta' sigurtà ta' ikel tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, ikel jitqies li ma jkunx iħares il-ħtiġiet ta' sigurtà ta' ikel fil-każijiet meta -

(*a*) ġie magħmul ta' ħsara għas-saħħa permezz ta' xi operazzjoni tkun xi tkun; jew

(*b*) ma jkunx tajjeb għall-konsum mill-bniedem; jew

(*ċ*) ikun hekk kontaminat, kemm permezz ta' xi materja estranja jew mod ieħor, li ma jkunx raġonevoli li wieħed jistenna li jintuża għall-konsum mill-bniedem f'dak l-istat; jew

(*d*) ġie preparat, maħżun, miżmum, proċessat, depożitat, trasportat, offrut jew muri għall-bejgħ jew ikun sar minnu mod ieħor f'kondizzjonijiet mhux sanitarji jew mhux iġeniċi; jew

(*e*) għandu fih additivi jew dawk il-kwantitajiet jew taħlitiet li ġew pprojbiti b'regolamenti magħmulin skond dan l-Att,

u referenzi għal dawn il-ħtiġiet jew għal ikel li jħares dawn il-ħtiġiet għandhom jinftiehmu skond hekk.

(3) Meta l-ikel ma jħarisx il-ħtiġiet ta' sigurtà ta' ikel ikun parti minn ammont, lott jew konsenja ta' ikel ta' l-istess klassi, xorta jew deskrizzjoni, ikun preżunt, sakemm ma jiġix ppruvat il-kuntrarju, li l-ikel kollu f'dak l-ammont, lott jew konsenja ma jħarisx dawk il-ħtiġiet.

Iġjene personali ta' min imiss l-ikel.

15. (1) Persuni li, fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom, jiġu f'kuntatt, kemm direttament jew indirettament, mal-materjali u prodotti msemmija fl-artikolu 25(*b*) sa (*f*) għandhom ikunu suġġetti għall-ispezzjon ta' iġjene imsemmija fl-artikolu 24(*ċ*).

(2) L-ispezzjoni imsemmija fis-subarikolu (1) għanda ssir għal finijiet tal-verifika li l-i*standards* ta' saħħa li għandhom x'jaqsmu ma' indafa personali u ħwejjeġ huma rispettati. Din l-ispezzjoni tkun mingħajr ħsara għal kull eżami mediku li jista', minn żmien għal żmien, ikun meħtieġ skond din il-liġi jew xi liġi oħra.

Protezzjoni tal-Konsumatur.

Projbizzjoni ta' bejgħ ta' prodotti li jixbħu.

16. (1) Ebda persuna ma għandha tipprepara jew tbiegħ, tippakkja, taħżen, toffri, tesponi, iżżomm jew tagħmel reklam għall-bejgħ għall-konsum mill-bniedem, xi oġġetti ta' l-ikel, li jaqblu ma' jew jixbħu fl-għamla tagħhom lil xi oġġett ieħor ta' użu komuni illi wieħed bi żball jista' jitfixkilhom miegħu, b'mod li tikkawża jew tista' tikkawża riskju ta' ħsara għas-saħħa.

(2) Kull persuna li tikser id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu.

Bejgħ ta' ikel bi preġudizzju għax-xerrej.

17. (1) Ebda persuna ma għandha tbiegħ, bi preġudizzju għax-xerrej, xi ikel maħsub għal konsum mill-bniedem li ma jkunx tax-xorta, sustanza jew kwalità ta' ikel mitlub mix-xerrej.

(2) Kull persuna li tikser id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu.

(3) F'kull proċedimenti għal-reat taħt dan l-artikolu, l-akkużat ma jistax jiddefendi ruħu billi jiddikjara li x-xerrej ma ġiex preġudikat minħabba f'li kien xtara l-oġġett għal analiżi jew eżami.

Tikkettjar, eċċ., ta' ikel.

18. (1) Kull persuna li tagħti, ma' xi ikel mibjugħ minnha, jew turi ma' xi ikel offrut jew muri minnha għall-bejgħ jew li jkollha fil-pussess tagħha għall-finijiet ta' bejgħ, xi tikketta, sew jekk meħmuża jew stampata fuq il-maħfen jew dak li jkunu mgeżwrin fiha sew jekk le, u kull persuna li tirreklama jew tgħin fir-reklamar li f'kull wieħed miż-żewġ każijiet -

(*a*) tiddeskrivi l-ikel b'mod falz; jew

(*b*) x'aktarx tqarraq dwar ix-xorta, sustanza jew kwalità ta' l-ikel,

tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu:

Iżda, f'kull proċedimenti taħt dan is-subartikolu, l-akkużat jista' jiddefendi ruħu billi jipprova li hu aġixxa bid-diligenza

xierqa u li ma kienx jaf, jew u li hu ma setgħax ikun jaf, li r-reklam kiser dan l-artikolu.

(2) Kull persuna li tbiegħ, jew toffri jew tesponi għall-bejgħ jew ikollha fil-pussess tagħha għall-finijiet ta' bejgħ, xi ikel li l-preżentazzjoni tiegħu x'aktarx tqarraq dwar ix-xorta, is-sustanza jew il-kwalità ta' l-ikel tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu.

(3) F'kull proċedimenti dwar reat kontra xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, il-fatt li t-tikketta jew ir-riklam li dwaru ikun allegat li jkun sar ir-reat ikun fihom dikjarazzjoni eżatta tal-kompożizzjoni ta' l-ikel ma jwaqqafx lill-Qorti milli ssib li r-reat ikun sar.

(4) F'dan l-artikolu ir-riferenza għal "bejgħ" għandha tinftiehem bħala riferenza għall-bejgħ għall-konsum mill-bniedem.

Ikel ippakkjat għandu jkollu tikketta.

19. (1) Ebda persuna ma għandha tbiegħ, jew toffri jew tesponi jew tagħmel reklam għall-bejgħ, jew ikollha fil-pussess tagħha għall-finijiet ta' bejgħ, xi ikel f'xi maħfen mhux miftuħ sakemm ma jkunx hemm dik it-tikketta kif jista' jiġi preskritt mehmuża jew imwaħħla, jew inkluża, mal-maħfen.

(2) Kull persuna li tikser id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu.

Informazzjoni u dokumentazzjoni

Għoti ta' informazzjoni.

20. L-awtorità tas-saħħa tista' tordna li kull persuna li tmexxi negozju ta' l-ikel tagħtiha, f'dak iż-żmien li jkun speċifikat fid-direttiva, dik l-informazzjoni li tista' tiġi verifikata, kif jista' jkun speċifikat fid-direttiva, inkluża informazzjoni dwar dawk l-affarijiet li jistgħu jkunu speċifikati minn żmien għal żmien b'regolamenti, dwar kull ikel jew sors ta' ikel li l-persuna li tmexxi n-negozju jkollha x'taqsam miegħu, u kull persuna li ma tħarisx ħtieġa bħal dik tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu.

Dokumentazzjoni, eċċ., għandha tkun bil-miktub.

21. (1) Kull dokument li jkun meħtieġ jew awtorizzat skond jew taħt dan l-Att li jingħata jew jiġi notifikat lil xi persuna jista', f'kull każ fejn ma jkunx hemm disposizzjoni oħra f'dan l-Att, jingħata jew jiġi notifikat jew -

(*a*) billi jiġi konsenjat lil dik il-persuna; jew

(*b*) fil-każ ta' xi uffiċjal ta' l-awtorità tas-saħħa, billi jitħalla jew jinbagħat bil-posta indirizzat lilu, fl-uffiċċju tiegħu; jew

(*ċ*) fil-każ ta' kumpannija jew soċjetà oħra jew enti korporata oħra, billi jiġi kkonsenjat lil impjegat tal-kumpannija jew tas-soċjetà jew ta' l-enti korporata fl-uffiċċju reġistrat jew prinċipali ta' dik il-kumpannija jew dik is-soċjetà jew dik l-enti korporata, jew billi jinbagħat bil-posta indirizzata lilu fl-uffiċċju tiegħu; jew

(*d*) fil-każ ta' xi persuna oħra billi jitħalla jew jintbagħat bil-posta indirizzata lilu fir-residenza tas-soltu tiegħu jew dik l-aħħar magħrufa.

(2) Meta d-dokument għandu jingħata jew jiġi notifikat lis-sid jew lil minn jokkupa xi post u ma jkunx possibbli, wara li jsir tiftix

raġonevoli li jinstab l-isem u l-indirizz tal-persuna li lilha għandu jingħata jew jiġi notifikat, jew jekk il-post ma jkunx okkupat, d-dokument jitqies li jkun ġie notifikat sewwa jekk kopja tiegħu titwaħħal ma' xi parti fil-post li tidher, u avviz dwar dik l-affissjoni jiġi pubblikat f'għall-anqas gazzetta waħda ta' kuljum.

Infurzar

Projbizzjoni milli jitħaddmu persuni b'ċerti infezzjonijiet.

22. (1) Ebda persuna ma għanda tiġi mpjegata jew taħdem fi, jew in konnessjoni ma', il-preparazzjoni jew il-maniġġ ta' xi l-ikel maħsub għall-bejgħ għall-konsum mill-bniedem jekk il-prinċipal ikun jaf li dik il-persuna tkun, jew, skond il-każ, jekk dik il-persuna nnifisha tkun taf li tkun, tbati minn, jew tkun *carrier* ta', tifojde, paratifojde jew xi infezzjoni oħra, salmonella jew dissenterija jew xi infezzjoni stafilokokka jew xi infezzjoni oħra li x'aktarx tipproduċi avvelenament ta' l-ikel, jew xi marda oħra li l-Ministru jista', b'ordni, jiddikjara li hi marda li għaliha japplika dan l-artikolu.

(2) Ordni magħmul skond is-subartikolu (1) jista' jiġi revokat, mibdul jew sostitwit b'ordni ieħor u jista' japplika għal kull ikel, jew għal klassi ta' ikel, jew xi ikel partikolari, maħsub għall-bejgħ għall-konsum mill-bniedem.

Projbizzjoni ta' importazzjoni ta' ċertu ikel.

23. Ebda persuna ma tista' timporta f'Malta xi ikel maħsub għall-bejgħ għall-konsum mill-bniedem jew għall-preparazzjoni għall-bejgħ, għall-konsum mill-bniedem li -

(*a*) ġie magħmul ta' ħsara għas-saħħa permezz ta' xi operazzjoni tkun xi tkun;

(*b*) jekk jinbiegħ f'Malta, ikun ta' ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmula taħtu;

(*ċ*) jkun mħassar, ħżien jew xort'oħra mhux tajjeb għall-konsum mill-bniedem; jew

(*d*) fil-preparazzjoni tiegħu ikun intuża xi ikel kif deskritt fil-paragrafu (*ċ*).

Kontroll ta' ikel.

24. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-arikoli 25 u 26, il-kontroll ta' l-ikel ikun magħmul minn waħda jew iżjed mill-operazzjonijiet li ġejjin:

(*a*) spezzjon ta' postijiet ta' l-ikel;

(*b*) teħid ta' kampjuni u analiżi ta' ikel u, jew sorsi ta' ikel;

(*ċ*) spezzjoni ta' iġjene u kwalifiki ta' persunal;

(*d*) eżami ta' materjal miktub u dokumentat; u

(*e*) eżami ta' sistemi ta' verifika stabbiliti minn negozju ta' l-ikel u r-riżultati miksuba permezz ta' dawk is-sistemi ta' verifika.

Suġġett ta' l-ispezzjonijiet.

25. Dawn li ġejjin jistgħu jkunu suġġetti għal spezzjon minn uffiċjal awtorizzat fl-infurzar u fl-esekuzzjoni ta' dan l-Att:

(*a*) l-istat u l-użu li jsir minn, fi stadji differenti, tas-sit, post, uffiċċji, postijiet ta' negozju u ta' madwarhom, makkinarju u tagħmir;

(*b*) materja prima, ingredjenti, għajnuniet teknoloġiċi u prodotti oħra użati fil-preparazzjoni u fil-produzzjoni ta' ħwejjeġ ta' l-ikel;

(*ċ*) oġetti nofshom lesti;

(*d*) oġġetti lesti;

(*e*) materjali u oġġetti maħsuba li jiġu f'kuntatt ma' ħwejjeġ ta' l-ikel;

(*f*) prodotti u proċessi ta' ħasil u manutenzjoni, u pestiċidi;

(*g*) proċessi użati fil-manifattura jew proċessar ta' ħwejjeġ ta' l-ikel;

(*h*) it-tikkettjar u preżentazzjoni ta' affarijiet ta' l-ikel; u

(*i*) metodi li jippreżervaw l-ikel; u

(*j*) dawk il-ħwejjeġ l-oħra kif jista' jiġi preskritt b'regolamenti.

Spezzjonijiet.

26. (1) L-ispezzjonijiet isiru -

(*a*) regolarment u, jew, kull meta ikun hemm suspett ta' ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmulin taħtu; u

(*b*) billi jintużaw mezzi proporzjonati mal-fini li jrid jintlaħaq,

u għandhom ikopru l-istadji kollha ta' produzzjoni, manifattura, importazzjoni, proċessar, ħażna, trasport, distribuzzjoni, kummerċ, rimi u qirda ta' ikel.

(2) L-uffiċjal awtorizzat għandu f'kull każ jiddeċiedi liema stadju jew stadji jidhirlu li jkunu l-aktar xierqa biex jiġu eżaminati minn dawk imsemmija fis-subartikolu (1).

(3) L-uffiċjal awtorizzat jista' jkun assistit minn xi persuna oħra li jidhirlu meħtieġa.

Projbizzjoni tal-pubblikazzjoni ta' dikjarazzjonijiet uffiċjali mingħajr permess bil-miktub.

27. Hlief bil-permess bil-miktub tal-Kummissjoni jew ta' l-awtorità tas-saħħa, kif ikun il-każ, ebda persuna ma tista' tippublika jew iġġiegħel li tiġi pubblikata f'kull għamla, dikjarazzjoni maħsuba biex tippromwovi, jew li tista' tippromwovi, l-provvista jew l-użu ta' ikel, ħwejjeġ ta' l-ikel, jew servizzi li għandhom x'jaqsmu ma' ikel, billi timplika li l-Kummissjoni jew l-awtorità tas-saħħa, kif ikun il-każ, tapprova jew ma tapprovax dak l-użu.

Uffiċjali awtorizzati.

28. (1) Kull persuna nominata biex tagħmilha ta' uffiċjal awtorizzat skond dan l-Att, għandha tiddikjara u tikkonferma li ma tkunx taħdem, la direttament u lanqas indirettament, f'xi negozju ta' l-ikel.

(2) Uffiċjal awtorizzat jista' jispezzjona kull ikel maħsub għall-konsum mill-bniedem, jew li raġonevolment jaħseb li jista' jkun hekk maħsub, li -

(*a*) ikun ġie mibjugħ jew ġie offrut jew muri għal bejgħ; jew

(*b*) hu, jew kien fil-possess ta', jew ġie depożitat ma' jew

konsenjat lil, xi persuna għall-għan ta' bejgħ jew preparazzjoni għall-bejgħ; jew

(*ċ*) ikun qiegħed jiġi konsenjat qabel jew wara li jsir il-bejgħ għall-konsum mill-bniedem, inkluż meta dan l-ikel ikun f'xi vettura,

u d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 31 għandhom japplikaw fejn, meta ssir dik l-ispezzjon, l-uffiċjal awtorizzat jidhirlu li xi ikel ma jħarisx il-ħtiġiet ta' sigurtà ta' ikel.

(3) Uffiċjal awtorizzat jista' -

(*a*) jeżamina kull ħaġa li għaliha japplikaw dan l-Att jew xi regolamenti magħmulin taħtu u jieħu, meta jħallas l-valur kurrenti fis-suq ta' dak l-oġġett, jekk ikun hekk meħtieġ, kampjuni għall-analiżi jew għal eżami batterjoloġiku jew xi eżami ieħor; u

(*b*) jaqbad u jneħħi kull ħaġa li dwarha hemm raġuni valida biex wieħed jissuspetta li hemm ksur jew kien hemm ksur ta' xi disposizzjoni ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmulin taħtu.

(4) Fis-subartikolu (3), il-kliem "kull ħaġa" tinkludi -

(*a*) kull ikel, jew kull sustanza li tista' tiġi użata fit-taħlita jew fil-preparazzjoni ta' xi ikel;

(*b*) kull ħaġa użata jew li tista' tiġi użata għall-manifattura, il-preparazzjoni, l-ippreżervar, it-tgeżwir jew ħażna ta' dak l-ikel, inkluż materjal li jiġi f'kuntatt ma' ikel; u

(*ċ*) kull tikketta jew materjal ta' reklamar:

Iżda t-teħid ta' xi ħaġa skond is-subartikolu (3)(a) għandu, għall-finijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmulin taħtu, jitqies bħala bejgħ ta' dik il-ħaġa.

Setgħa ta' dħul, tiftix u qbid.

29. (1) Kull uffiċjal awtorizzat ikollu, meta jipproduċi, jekk hekk meħtieġ, xi dokument awtentikat kif imiss li juri l-awtorità tiegħu, id-dritt f'kull ħin raġonevoli li -

(*a*) jidħol f'kull post ta' l-ikel sabiex jistabbilixxi jekk hemmx jew kienx hemm jew x'aktarx ikun hemm xi ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmulin taħtu;

(*b*) jidħol f'kull post ta' l-ikel sabiex jistabbilixxi jekk hemmx, f'dak il-post, xi xiehda ta' xi ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att;

(*ċ*) jaħmel kull spezzjoni skond dan l-Att;

(*d*) jispezzjona kull *record*, tkun xi tkun il-forma tagħhom, li għandhom x'jaqsmu man-negozju ta' l-ikel u, meta dawn ir-*records* huma miżmuma permezz ta' kompjuter -

(i) ikollu aċċess għal u jispezzjona u jivverifika kif jaħdem kull kompjuter, kull apparat assoċjat jew materjal li hu jew li kien użat in konnessjoni mar-*records*; u

(ii) jista' jeħtieġ li kull persuna li tkun responsabbli għal, jew mod ieħor tkun konnessa mat-tħaddim tal-kompjuter, apparat jew materjal tagħtih dik l-assistenza li jista' raġonevolment jeħtieġ;

(*e*) jaħtaf u jżomm kull *record* li raġonevolment jaħseb li jista' jkun meħtieġ bħala xiehda fi proċedimenti skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew skond regolamenti magħmulin taħtu;

(*f*) fejn ir-*records* huma miżmuma permezz ta' kompjuter, jeħtieġ li r-*records* jiġu prodotti f'għamla li jistgħu jittieħdu.

(2) Kull persuna li, meta tkun daħlet f'xi post bis-saħħa ta' dan l-artikolu, tiżvela lil xi persuna oħra xi informazzjoni miksuba minnha f'dak il-post, liema informazzjoni tkun tirrigwarda xi sigriet kummerċjali, tkun ħatja ta' reat, sakemm dak l-iżvelar ma jkunx sar fit-twettiq tad-dmirijiet tagħha.

(3) Id-dħul, għall-finijiet tas-subartikolu (1), ġewwa xi post li jkun użat biss bħala dar ta' abitazzjoni jista' jsir biss jekk ikun awtorizzat b'mandat iffirmat minn maġistrat jew mill-Avukat Ġenerali.

(4) Kull mandat hekk maħruġ għandu jibqa' jseħħ għal perijodu ta' mhux iktar minn xahar.

Spezzjon ta' vetturi, eċċ.

30. Uffiċjal awtorizzat li għandu raġuni għaliex jaħseb li xi vettura jew *container* ikun fihom xi ikel li hu maħsub għal bejgħ għall-konsum mill-bniedem jew li jkun qiegħed jiġi kkonsenjat wara il-bejgħ għall-konsum mill-bniedem, jista' jeżamina x'ikun hemm fil-vettura jew fil-maħfen u, għal dak l-għan, jista' jżomm il-vettura jew maħfen jekk dan ikun meħtieġ.

Dmirijiet ta' uffiċjali awtorizzati.

31. (1) Jekk uffiċjal awtorizzat jidhirlu, kemm waqt spezzjon jew mod ieħor, li xi ikel ma jkunx tajjeb għall-konsum mill-bniedem, jew x'aktarx jagħmel ħsara, avvelenament ta' ikel jew xi mard li jittieħed mill-bnedmin, l-uffiċjal awtorizzat jista' jew -

(*a*) javża lill-persuna liċenzjata, *manager* jew xi persuna oħra li tkun responsabbli għall-post ta' l-ikel f'dan il-ħin, illi sakemm l-avviż ma jiġix irtirat, l-ikel jew xi parti speċifikata tiegħu -

(i) ma għandux jintuża għall-konsum mill-bniedem; u

(ii) ma għandux jiġi mneħħi jew ma għandux jiġi mneħħi jekk mhux għal xi post speċifikat fl-avviż; u, jew

(iii) ma għandux jinbiegħ jew jinqered jew isir mod ieħor minnu, kemm jekk ikun ġie mneħħi għal dawk l-għanijiet u kemm jekk le; jew

(*b*) jista' jaqbad dak l-ikel, jew kampjun tiegħu, biex jiġi prodott bħala xieħda f'kull qorti; jew

(*ċ*) meta ma jkunx jeħtieġ li jiġi prodott bħala xiehda kif intqal qabel, bil-kunsens u għas-spejjeż tal-persuna responsabbli, jista' jeqred l-ikel.

(2) Kull persuna li xjentement tikser il-ħtiġiet ta' avviż mogħti skond is-subartikolu (1) tkun ħatja ta' reat.

(3) Meta l-uffiċjal awtorizzat iwettaq s-setgħat mogħtija skond is-subartikolu (1) hu għandu fi żmien raġonevoli, jiddetermina jekk dak l-ikel iħarisx il-ħtiġiet dwar sigurtà ta' ikel jew le, u -

(*a*) jekk dak l-ikel jitqies bħala li hu tajjeb għall-konsum mill-bniedem, għandu minnufih jirtira l-avviż u jippermetti r-rilaxx ta' l-ikel mill-post fejn ikun maħżun skond it-termini ta' l-avviż; jew

(*b*) jekk dak l-ikel jitqies mhuwiex tajjeb għall-konsum mill-bniedem, għandu jaqbad dak l-ikel, jew kampjun tiegħu, biex l-istess jiġi prodott bħala xhieda f'kull qorti.

(4) Meta uffiċjal awtorizzat iwettaq is-setgħat mogħtija lilu skond is-subartikolu (1) jew (3), għandu jinforma lill-persuna responsabbli għall-ikel bil-ħsieb tiegħu li l-ikel isir minnu skond ma tiddeċiedi l-qorti, u għandu jagħti r-raġunijiet għal hekk u kull pesuna li, skond is-subartikolu (1) jew (3), jistgħu jittieħdu proċedimenti kontriha għar-rigward ta' dak l-ikel ikollha d-dritt li tinstema' u li ssejjaħ xhieda.

(5) Jekk il-qorti jidhirlha, skond dik ix-xiehda li tkun meqjusa xierqa fiċ-ċirkostanzi li xi ikel li tkun qed tittratta dwaru skond dan l-artikolu, ma iħarisx il-ħtiġiet ta' sigurtà ta' ikel, il-qorti għandha tikkundanna l-ikel u tordna li jiġi meqrud jew isir minnu b'tali mod li ma jkunx jista' jintuża għall-konsum mill-bniedem.

(6) Il-qorti għandha wkoll, wara rikors mill-awtorità tas-saħħa, tordna lill-persuna li tkun instabet ħatja ta' reat biex tħallas lill-awtorità tas-saħħa l-ispejjeż li tkun ħallset għall-prosekuzzjoni dwar ir-reat, inkluża kull spezzjon li tkun wasslet għal dik il-prosekuzzjoni u kull eżami li jkun sar għall-għan ta' dik l-ispezzjon.

Tfixkil u xkiel.

32. (1) Persuna li -

(*a*) intenzjolament tfixkel jew tikkawża t-tfixkil lil xi persuna fil-qadi ta' dmirijietha skond dan l-Att; jew

(*b*) mingħajr kawża raġonevoli, tonqos li tagħti lil xi persuna fil-qadi ta' dmirijietha skond dan l-Att, dik l-għajnuna jew l-informazzjoni li tkun meħtieġa li tagħti taħt jew skond dan l-Att,

tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu.

(2) Kull persuna li, fit-tħaris intenzjonat ta' xi disposizzjoni ta' dan l-Att -

(*a*) tagħti informazzjoni li tkun taf li hi falza jew qarrieqa f'partikolarità sostanzjali; jew

(*b*) b'traskuraġni tagħti informazzjoni li tkun falza jew qarrieqa f'partikolarità sostanzjali,

tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu.

(3) Ebda ħaġa fis-subartikolu (2) ma għandha tinftiehem li persuna teħtieġ li tirrispondi xi mistoqsija jew tagħti xi

informazzjoni jekk, billi tagħmel hekk, tinkrimina lilha nnifisha.

Avviżi u Ordnijiet

Avviż ta' titjib.

33. (1) Jekk uffiċjal awtorizzat ikollu raġuni biżżejjed biex jaħseb li l-persuna responsabbli għal negozju ta' l-ikel jew post ta' l-ikel ma tkunx qed tħares xi regolamenti li għalihom japplika dan l-artikolu, l-uffiċjal jista', permezz ta' avviż bil-miktub, hawnhekk iżjed 'l quddiem f'dan l-Att imsejjaħ "avviż ta' titjib", li jiġi notifikat lil dik il-persuna, fejn -

(*a*) jiddikjara r-raġunijiet ta' l-uffiċjal għaliex jaħseb li l-persuna mhix tħares ir-regolamenti;

(*b*) jispeċifika l-materji li jikkostitwixxu n-nuqqas ta' tħaris mill-persuna;

(*ċ*) jispeċifika l-miżuri li, fil-fehma ta' l-uffiċjal, il-persuna għandha tieħu biex tiżgura tħaris; u

(*d*) jeħtieġ lill-persuna biex tieħu dawk il-miżuri, jew miżuri li huma għall-inqas bħalhom, fi żmien dak il-perjodu li jista' jiġi speċifikat fl-avviż ta' titjib.

(2) Kull persuna li tonqos milli tħares avviż ta' titjib tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu.

(3) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw għal kull regolament li jista' jsir taħt dan l-Att biex -

(*a*) jeħtieġ, jipprojbixxi jew jiġi regolat l-użu ta' xi proċess jew trattament fil-preparazzjoni ta' l-ikel; jew

(*b*) jiġi żgurat it-tħaris ta' kondizzjonijiet u prattiċi iġjeniċi għal dak li għandu x'jaqsam mat-twettiq ta' operazzjonijiet kummerċjali għar-rigward ta' ikel jew sorsi ta' ikel; jew

(*ċ*) jipprovdi għall-protezzjoni tal-konsumatur, il-kwalità ta' l-ikel jew l-għoti ta' informazzjoni pubblika dwar l-ikel, prodotti ta' l-ikel jew l-użu li għalih jista' jitqiegħed dak l-ikel jew dawk il-prodotti ta' l-ikel.

Il-qorti tista' timponi projbizzjoni xierqa.

34. (1) Jekk il-persuna responsabbli ta' negozju ta' l-ikel tinstab ħatja ta' reat kontra xi regolamenti li għalihom japplika dan l-artikolu, u jekk il-qorti, li minnha l-persuna responsabbli tkun instabet ħatja, tkun sodisfatta li tkun teżisti kondizzjoni ta' riskju għas-saħħa rigward dak in-negozju, il-qorti tista' b'ordni timponi l-projbizzjoni xierqa msemmija fis-subartikolu (3).

(2) Fil-verifika jekk tkunx teżisti kondizzjoni ta' riskju għas-saħħa rigward xi negozju ta' l-ikel, il-qorti għandha teżamina jekk xi waħda minn dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin jinvolvu riskju ta' ħsara għas-saħħa jiġifieri -

(*a*) l-użu, għall-għanijiet tan-negozju ta' xi proċess jew trattament;

(*b*) il-kostruzzjoni ta' xi post użat għall-għanijiet tan-negozju, jew l-użu, għal dawk l-għanijiet, ta' xi tagħmir;

(*ċ*) l-istat jew il-kondizzjoni ta' kull post jew tagħmir użat għall-għanijiet tan-negozju; u

(*d*) l-aġir jew il-prattika ta' kull persuna impjegata f'dak in-negozju.

(3) Il-projbizzjonijiet xierqa li jista' jkunu imposti huma -

(*a*) f'każ li jaqa' taħt is-subartikolu (2)(*a*), projbizzjoni mill-użu tal-proċess jew trattament għall-għanijiet tan-negozju;

(*b*) f'każ li jaqa' taħt is-subartikolu (2)(*b*), projbizzjoni mill-użu tal-post jew tagħmir għall-għanijiet tan-negozju jew xi negozju ieħor ta' l-ikel ta' l-istess klassi jew deskrizzjoni;

(*ċ*) f'każ li jaqa' taħt is-subartikolu (2)(*ċ*), projbizzjoni mill-użu tal-post jew tat-tagħmir għall-għanijiet ta' xi negozju ta' l-ikel;

(*d*) f'każ li jaqa' taħt is-subartikolu (2)(*d*), projbizzjoni milli jitkompla l-aġir jew il-prattika in kwistjoni.

(4) Jekk il-persuna responsabbli għal negozju ta' l-ikel tinstab ħatja ta' reat kontra regolamenti kif imfisser fl-artikolu 33(3)(*b*), u l-qorti li minnha l-persuna responsabbli tkun instabet ħatja jidhirlha li jkun hekk xieraq fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-qorti tista' b'ordni, timponi projbizzjoni fuq il-persuna responsabbli milli tipparteċipa fl-amministrazzjoni ta' xi negozju ta' l-ikel, jew xi negozju ta' l-ikel ta' klassi, xorta jew deskrizzjoni, kif jista' jkun imfisser fl-ordni, għal kull perjodu li jista' jiġi speċifikat fl-ordni, liema perjodu ma għandux ikun ta' inqas minn sitt xhur.

(5) Meta jsir ordni skond is-subartikolu (1) jew (4), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "ordni ta' projbizzjoni", l-awtorità tas-saħħa għandha, mill-aktar fis possibbli -

(*a*) tinnotifika kopja ta' l-ordni ta' projbizzjoni lil persuna responsabbli għal dak in-negozu; u

(*b*) fil-każ ta' ordni skond is-subartikolu (1), twaħħal kopja ta' l-ordni ta' projbizzjoni f'post fejn jidher f'dak il-post użat għall-għanijiet tan-negozju, kif jidhrilha xieraq,

u kull persuna li xjentement ma tħarisx ordni bħal dan tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu.

(6) Ordni ta' projbizzjoni għandu jieqaf mis-seħħ -

(*a*) fil-każ ta' ordni mogħti skond is-subartikolu (1), mal-ħruġ, mill-awtorità tas-saħħa, taċ-ċertifikat li juri li l-awtorità tas-saħħa tkun sodisfatta li l-persuna responsabbli tkun ħadet miżuri suffiċjenti biex tiżgura li l-kondizzjoni ta' riskju għas-saħħa ma tkunx teżisti aktar rigward dak in-negozju; u

(*b*) fil-każ ta' ordni mogħti skond is-subartikolu (4), meta l-qorti tagħti ordni skond hekk.

(7) L-awtorità tas-saħħa għandha toħroġ ċertifikat skond is-subarikolu (6)(*a*) fi żmien tliet ġranet tax-xogħol minn meta tkun sodisfatta li l-miżuri hemmhekk imsemmija jkunu ttieħdu; u meta ssir applikazzjoni mill-persuna responsabbli għal ċertifikat bħal

dak, l-awtorità tas-saħħa għandha -

(*a*) tiddeċiedi, mill-aktar fis possibbli u f'kull każ mhux aktar tard minn erbatax-il ġurnata wara li ssir applikazzjoni bħal dik, jekk hiex sodisfatta jew le; u

(*b*) jekk tiddeċiedi li mhiex sodisfatta, tagħti avviż lil persuna responsabbli bir-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni.

(8) Il-qorti għandha tagħti ordni skond is-subartikolu (6)(*b*) jekk, wara li ssir applikazzjoni mill-persuna responsabbli, il-qorti jidhirlha li jkun xieraq li tagħmel hekk wara li tqis iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inkluż partikolarment l-aġir tal-persuna responsabbli minn meta jkun ingħata l-ordni, iżda ebda applikazzjoni ma tiġi kkunsidrata jekk issir -

(*a*) qabel ma jgħaddu sitt xhur minn meta jkun ingħata ordni ta' projbizzjoni; jew

(*b*) fi żmien tliet xhur minn meta l-persuna responsabbli tkun għamlet applikazzjoni preċedenti għal ordni bħal dak.

(9) Kull persuna li tikser xi ordni ta' projbizzjoni tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu.

(10) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) għandhom japplikaw rigward il-*manager* ta' negozju ta' l-ikel bl-istess mod kif japplikaw rigward il-persuna responsabbli għal dak in-negozju; u kull riferenza fis-subartikolu (5) jew (8) għall-persuna responsabbli għan-negozju, jew għall-persuna responsabbli, għandha tinftiehem skond hekk; għall-finijiet ta' dan is-subartikolu, "*manager*", rigward negozju ta' l-ikel, tfisser kull persuna li tkun ġiet fdata mill-persuna responsabbli bit-tmexxija ta' kuljum tan-negozju, jew xi parti minnu.

Pubblikazzjoni ta' kopja ta' ordni ta' projbizzjoni.

35. (1) L-awtorità tas-saħħa tista' tippubblika jew iġġiegħel li tiġi ppubblikata kopja ta' l-ordni mogħti skond l-artikolu 34(4) fil-ġurnali lokali kemm fl-ilsien Malti kif ukoll fl-ilsien Ingliż.

(2) Meta tieħu deċiżjoni skond is-subartikolu (1), l-awtorità tas-saħħa għandha tħares il-prinċipji ta' imparzjalità u oġġettività.

(3) Il-Gvern, l-awtorità tas-saħħa u kull uffiċjal pubbliku li jaġixxi skond l-istruzzjonijiet jew l-awtorità ta' l-awtorità tas-saħħa ma jkunx u ma jistawx isiru responsabbli għal xi għemil li jkun sar *bona fide* skond is-subartikolu (1); l-eżenzjoni mir-responsabbiltà għandha tkun estiża għal kull persuna li tippubblika, tistampa, tirrekordja, ixxandar, tikkomunika jew tirriproduċi dik l-informazzjoni f'kull għamla.

Ordnijiet ta' projbizzjoni ta' emerġenza.

36. (1) Meta l-awtorità tas-saħħa tkun sodisfatta li tkun teżisti kondizzjoni ta' riskju għas-saħħa għar-rigward ta' xi negozju ta' l-ikel, hi tista', permezz ta' ordni notifikat lill-persuna responsabbli ta' dak in-negozju, hawnhekk il' quddiem f'dan l-Att imsejjaħ "ordni ta' projbizzjoni ta' emerġenza", timponi l-projbizzjoni skond dan l-artikolu.

(2) Kull persuna li tikser ordni ta' projbizzjoni ta' emerġenza tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu.

(3) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 34(2) u (3) għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw għar-rigward ta' ordnijiet ta' projbizzjoni ta' emerġenza taħt dan l-artikolu bħallikieku riferenza għall-qorti f'dawk is-subartikoli kienet riferenza għall-awtorità tas-saħħa, u bħallikieku r-riferenza fl-artikolu 34(2) għal riskju ta' ħsara kienet riferenza għal riskju imminenti ta' ħsara.

(4) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 34(10) għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw dwar ordni ta' projbizzjoni ta' emerġenza.

(5) Malajr kemm jista' jkun, wara li jkun sar ordni ta' projbizzjoni ta' emerġenza, l-awtorità tas-saħħa għandha -

(*a*) tinnotifika kopja ta' l-ordni lill-persuna responsabbli tan-negozju; u

(*b*) twaħħal kopja ta' l-ordni f'post fejn jidher fil-post użat għall-għanijiet ta' dak in-negozju kif jidhrilha xieraq,

u kull persuna li xjentement ma tħarisx dak l-avviż, jew b'xi mod ieħor tgħarraq, tħassar, tgħatti, teqred jew tneħħi l-imsemmija kopja ta' dak l-avviż, tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu.

(6) Ordni ta' projbizzjoni ta' emerġenza għandha tieqaf mis-seħħ bil-ħruġ ta' ċertifikat mill-awtorità tas-saħħa li hija sodisfatta li l-persuna responsabbli tkun ħadet miżuri suffiċjenti biex tassikura illi dak ir-riskju għas-saħħa ma għadux jeżisti għar-rigward in-negozju.

(7) L-awtorità tas-saħħa għandha toħroġ ċertifikat skond is-subartikolu (6) fi żmien tliet ijiem li hija tkun sodisfatt li l-miżuri msemmija ttieħdu; u fuq applikazzjoni mill-persuna responsabbli għal dak iċ-ċertifikat, l-awtorità tas-saħħa għandha -

(*a*) tiddetermina, mill-aktar fis possibbli u f'kull każ mhux iktar tard minn għaxart ijiem wara dik l-applikazzjoni, jekk tkunx hekk sodisfatta jew le; u

(*b*) jekk tiddetermina li ma tkunx hekk sodisfatta, tavża lill-persuna responsabbli bir-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni.

(8) (*a*) Kull persuna li tħoss ruħha aggravata b'ordni ta' projbizzjoni ta' emerġenza mogħti lilha tista', fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta jsir l-ordni, b'rikors notifikat lill-awtorità tas-saħħa, tappella kontra dak l-ordni lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u, jekk il-qorti, wara li tappunta r-rikors għas-smigħ u wara li teżamina dik ix-xiehda li tista' tiġi prodotta mill-partijiet -

(i) tkun sodisfatta li r-riskju imminenti għas-saħħa jeżisti skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 34(2), il-qorti għandha tiċħad l-appel u tikkonferma l-ordni;

(ii) ma tkunx sodisfatta li r-riskju imminenti għas-saħħa jeżisti skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 34(2), il-qorti tista' tordna lill-awtorità tas-saħħa biex tħallas lill-persuna li tkun għamlet ir-rikors somma raġonevoli bħala

kumpens għal kull telf li tkun bagħtiet b'riżultat tat-tħaris ta' l-ordni.

(*b*) L-awtorità tas-saħħa għandha tippreżenta risposta għar-rikors f'dak iż-żmien, li ma jkunx inqas minn erbgħa u għoxrin siegħa, kif il-qorti tiddeċiedi.

Nuqqas ta' tħaris ta' ordni ta' projbizzjoni ta' emerġenza.

37. (1) Jekk ma jittieħdux dawk il-passi jew azzjoni oħra skond l-artikolu 34(2) kif jiġi applikat bl-artikolu 36(3), li għandhom jittieħdu bħala riżultat ta' ordni ta' projbizzjoni ta' emerġenza, fiż-żmien speċifikat fl-ordni, l-awtorità tas-saħħa tista' tidħol ġewwa l-post li għalih jirreferi l-ordni ta' projbizzjoni ta' emerġenza u tieħu dawk il-passi, inkluż l-egħluq tal-post jew kull azzjoni oħra kif jista' jenħtieġ fiċ-ċirkostanzi.

Kap. 319.

(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, l-ebda mandat kawtelatorju jew ordni ieħor ma għandu jinħareġ jew isir minn xi qorti li jwaqqaf l-awtorità tas-saħħa mill-eżerċizzju ta' xi waħda mis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 36 u bis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

(3) L-ispejjeż kollha li jkunu saru mill-awtorità tas-saħħa biex twettaq ordni ta' projbizzjoni ta' emerġenza skond l-artikolu 36, skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, għandhom jinġabru lura mill-awtorità tas-saħħa bħala dejn ċivili mill-persuna responsabbli tan-negozju li għalih jirreferixxi l-ordni ta' projbizzjoni ta' emerġenza.

Ordni ta' kontroll ta' emerġenza.

38. (1) Jekk l-awtorità tas-saħħa jidhrilha li t-tmexxija ta' operazzjonijiet kummerċjali fir-rigward ta' ikel, sorsi ta' ikel jew materjali li jiġi f'kuntatt ma' ikel ta' xi klassi jew deskrizzjoni tinvolvi, jew tista' tinvolvi riskju imminenti ta' ħsara għas-saħħa, hija tista', b'ordni imsejjaħ bħala "ordni ta' kontroll ta' emerġenza", u suġġett għal kull kondizzjoni li jidhrilha xieraq li timponi, tipprojbixxi t-tmexxija ta' dawk l-operazzjonijiet għar-rigward ta' ikel, sorsi ta' ikel jew materjali li jiġu f'kuntatt ma' ikel ta' dik il-klassi jew deskrizzjoni.

(2) Kull persuna li xjentement tikser ordni ta' kontroll ta' emerġenza tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu.

(3) L-awtorità tas-saħħa tista' tagħti l-kunsens tagħha bil-miktub, kemm mingħajr kondizzjoni kif ukoll suġġett għal xi kondizzjoni jew kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa, biex issir, f'dak il-każ li jista' jiġi speċifkat fil-kunsens, xi ħaġa li mod ieħor tkun ġiet projbita b'ordni ta' kontroll ta' emerġenza.

(4) Persuna akkużata b'reat kontra s-subartikolu (2) tista' tiddefendi ruħha billi turi li l-kunsens kien ingħata biex isir att li għalih tkun mixlija skond is-subartikolu (3) u li kull kondizzjoni li għaliha l-kunsens kien soġġett kienet ġiet imħarsa.

(5) L-awtorità tas-saħħa tista' -

(*a*) tagħti ordnijiet li jidhrilha meħtieġa jew spedjenti biex tevita t-tmexxija ta' operazzjonijiet kummerċjali rigward xi ikel, sorsi ta' ikel jew materjal li jiġi f'kuntatt ma' ikel li hi jkollha raġuni xierqa biex taħseb, li jkunu ikel, sorsi ta' ikel jew materjali li jiġu

f'kuntatt ma' l-ikel li dwarhom japplika ordni ta' kontroll ta' emerġenza; u

(*b*) tagħmel kull ħaġa li jidhrilha neċessarja jew spedjenti għal dak l-għan.

(6) Kull persuna li xjentement tikser xi ordni taħt dan l-artikolu tkun ħatja ta' reat.

(7) Il-qorti għandha wkoll, wara rikors mill-awtorità tas-saħħa, tordna lill-persuna li tkun instabet ħatja ta' reat biex tħallas lill-awtorità tas-saħħa l-ispejjeż li tkun ħallset għall-prosekuzzjoni dwar ir-reat, inkluża kull spezzjon li tkun wasslet għal dik il-prosekuzzjoni u kull eżami li jkun sar għall-għan ta' dik l-ispezzjon.

Garanziji.

39. (1) Meta l-awtorità tas-saħħa jidhrilha li xi persuna li tkun taħdem f'xi negozju ta' ikel tkun aġixxiet b'xi kondotta li tikkostitwixxi reat skond l-artikoli 11 sa 14 u l-artikoli 16 sa 19, l-awtorità tas-saħħa tista', fid-diskrezzjoni tagħha, minflok ma tibda proċedimenti kontra dik il-persuna, twissi dik il-persuna bil-miktub u titlob mingħandha garanzija bil-miktub li tieqaf mill-kondotta speċifikata fil-garanzija għal dak il-perjodu li jkun miftiehem bejn il-partijiet konċernati, u, mingħajr ħsara għas-subartikolu (3), meta tingħata dik il-garanzija, ma jittieħdu ebda proċedimenti oħra rigward dak ir-reat.

(2) L-awtorità tas-saħħa għandha żżomm reġistru ta' garanziji magħmulin skond is-subartikolu (1) liema reġistru għandu jinżamm f'uffiċċju speċifikat mill-awtorità tas-saħħa, u jista' jiġi spezzjonat minn kull persuna f'dawk il-ħinijiet li jiġu stabbiliti mill-awtorità tas-saħħa.

(3) Kull persuna li tikser xi garanzija magħmula skond is-subartikolu (1) tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu.

Difiżi

Għemil ta' reat bl-ommissjoni ta' persuna oħra.

40. Meta l-fatti li, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 41, jistgħu jikkostitwixxu l-għemil ta' reat, minn xi persuna, kontra xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima jew ta' xi regolamenti maħruġa taħt l-artikolu 10, jkunu b'riżultat ta' xi att jew ommissjoni ta' xi persuna oħra, dik il-persuna l-oħra tkun ħatja tar-reat; u persuna tista' tiġi mixlija u misjuba ħatja ta' reat permezz ta' dan l-artikolu kemm jekk ikunu ittieħdu proċedimenti kontra l-persuna l-ewwel imsemmija u kemm jekk le.

Diliġenza xierqa.

41. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (5), fi proċedimenti għal offiża kontra xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' qabel ta' din it-Taqsima jew ta' xi regolamenti maħruġa taħt l-artikolu 10, persuna li tkun akkużata tista' tiddefendi ruħha billi tipprova li tkun ħadet il-prekawzjonijiet kollha raġonevoli u li tkun eżerċitat id-diliġenża kollha xierqa biex tevita li jsir ir-reat minnha jew mill-persuna taħt il-kontroll tagħha.

(2) Mingħajr ħsara għall-ġeneralità tas-subarikolu (1), persuna mixlija b'reat kontra l-artikolu 14, jew 17, jew 18 li -

(*a*) ma tkunx ippreparat l-ikel li dwaru r-reat ikun ġie allegatament magħmul; jew

(*b*) ma tkunx importat l-ikel f'Malta,

titqies li tkun iddefendiet ruħha skond kif provdut f'dak is-subartikolu jekk tissodisfa l-ħtiġiet tas-subartikolu (3).

(3) Persuna titqies li tkun issodisfat il-ħtiġiet ta' dan is-subartikolu jekk tipprova -

(*a*) li l-għemil tar-reat kien dovut għal xi att jew ommissjoni ta' persuna oħra li ma kienitx taħt il-kontroll tagħha, jew fuq dipendenza għal informazzjoni provduta minn persuna oħra;

(*b*) li tkun għamlet dawk il-verifiki kollha neċessarji fuq l-ikel in kwistjoni li kienu raġonevoli, fiċ-ċirkostanzi kollha u li kien raġonevoli fiċ-ċirkostanzi li dik il-persuna tiddependi mill-verifiki magħmulin mill-persuna li tkun ipprovdiet l-ikel lilha;

(*ċ*) li l-bejgħ jew il-bejgħ maħsub, li kien jikkonsisti fir-reat li jkun qed jiġi allegat, ma kienx bejgħ jew bejgħ maħsub, taħt isimha jew il-marka tagħha; u

(*d*) li ma kenitx taf, u ma kellha ebda raġuni tissuspetta fil-ħin ta' l-għemil tar-reat allegat li l-aġir tagħha jew l-ommissjoni tagħha tkun tikkostitwixxi reat kontra d-disposizzjoni rilevanti.

(4) Il-persuna mixlija ma tkunx tista', mingħajr il-permess tal-qorti, tuża d-difiża imsemmija fis-subartikolu (3) jekk dik id-difiża tinvolvi l-allegazzjoni li l-għemil tar-reat kien dovut għal xi att jew ommissjoni ta' persuna oħra jew dipendenza fuq informazzjoni provduta minn persuna oħra, sakemm, wara li tinqara l-akkuża fil-qorti u mhux aktar tard minn erbgħa u għoxrin siegħa wara, tippreżenta nota fil-qorti biex tiġi notifikata lill-prosekutur li jkun fiha informazzjoni, li kienet f'dak il-ħin fil-pussess tagħha, li tidentifika jew li tgħin fl-identifikazzjoni tal-persuna l-oħra.

(5) (*a*) Fil-proċedimenti għal reat kontra xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' qabel ta' din it-Taqsima, li għandhom x'jaqsmu mar-reklamar għall-bejgħ ta' xi ikel, il-persuna mixlija tista' tiddefendi ruħha billi tipprova -

(i) li hi persuna li n-negozju tagħha huwa li tippubblika jew tirranġa għall-pubblikazzjoni ta' rekami; u

(ii) li hi rċeviet ir-reklam fil-kors ordinarju tan-negozju u li, minkejja li tkun osservat il-linji ta' gwida magħmulin skond il-paragrafu (b), ma kienitx taf u ma kellha ebda raġuni biex tissuspetta li l-pubblikazzjoni ta' dak ir-reklam kienet tfisser reat kontra dik id-disposizzjoni.

(*b*) Il-Ministru jista' b'regolamenti jipprovdi għall-ħruġ u l-għoti ta' linji ta' gwida lill-persuni li jaħdmu fin-negozju msemmi fil-paragrafu (a), u partikolarment biex tiġi evitata l-publikazzjoni tar-reklami li ma jħarsux dan l-Att.

TAQSIMA V

Proċedimenti kriminali

Bidu ta' proċedimenti kriminali.

42. (1) Meta jkun hemm raġuni biżżejjed biex wieħed jaħseb li xi persuna tkun kisret xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu, il-Pulizija għandha, fuq ir-rapport ta' l-awtorità tas-saħħa, tibda proċedimenti kriminali kontra l-ħati quddiem il-qorti kompetenti.

(2) Meta l-proċedimenti jkunu nbdew mill-Pulizija għal reat kontra dan l-Att, l-awtorità tas-saħħa jew kull uffiċjal, avukat jew prokuratur legali inkarigati mill-awtorità tas-saħħa jistgħu, minkejja kull liġi li tgħid mod ieħor, iġibu l-akkuża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, jġibu l-provi u jmexxu l-prosekuzzjoni minflok il-Pulizija.

(3) Id-dikjarazzjoni bil-ġurament ta' kull uffiċjal, avukat jew prokuratur legali fis-sens li jkun ġie inkarigat skond kif provdut fis-subartikolu (2) tkun prova finali tal-fatt, jekk l-akkużat jitlob il-prova tiegħu.

Reati u pieni.

43. (1) Kull min jinsab ħati ta' reat kontra l-artikolu 31 jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux inqas minn mitejn lira u mhux iżjed minn elf lira jew priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sitt xhur jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(2) Kull min jinsab ħati għat-tieni darba u għad-drabi ta' wara, jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux inqas minn elf lira u mhux iżjed minn elfejn lira jew priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn sena u mhux aktar minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(3) Kull min jinsab ħati ta' xi reat ieħor kontra dan l-Att jeħel -

(*a*) meta jinsab ħati għall-ewwel darba, multa ta' mhux inqas minn mitejn lira u mhux iżjed minn elfejn lira jew priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien;

(*b*) meta jinsab ħati drabi oħra, multa ta' mhux inqas minn ħames mitt lira u mhux iżjed minn ħamest elef lira jew priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn erba' snin jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Sospensjoni jew taħsir ta' liċenzi.

44. Meta xi persuna tkun misjuba ħatja ta' reat, minbarra reat kontra d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 31, il-qorti tista' tordna s-sospensjoni jew it-taħsir ta' kull liċenza jew liċenzi f'isem il-persuna akkużata jew il-post li jkun s-suġġett tal-proċedimenti.

Min jinsab ħati għandu jħares il-liġijiet u r-regolamenti.

45. Meta persuna tinsab ħatja ta' reat kontra dan l-Att, il-qorti għandha, meta jkun meħtieġ, barra li tagħti l-piena, tordna lill-ħati li jneħħi kull inkonvenjent li jinqala' mir-reat jew, jekk iċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, li jħares il-liġi, f'kull każ f'dak iż-żmien li jista' jiġi stabbilit mill-qorti għal dak l-għan, u, f'każ ta' nuqqas ta' tħaris ta' xi ordni bħal dak, hu jeħel multa oħra ta' mhux iżjed minn ħamsin lira għal kull ġurnata ta' nuqqas ta' tħaris wara li jgħaddi ż-żmien stabbilit kif intqal qabel.

Konfiska ta' ikel rigward każijiet fil-qorti.

46. Meta reat kontra xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew xi regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu jiġi ppruvat li jkun sar, il-qorti għandha tordna l-konfiska u l-qirda ta' l-ikel li għalih ikun jirreferi r-reat.

Hlas ta' kumpens ordnat mill-qorti.

47. Meta persuna tkun akkużata b'reat kontra xi disposizzjoni ta' dan l-Att iżda tinsab mhux ħatja ta' dak ir-reat, il-qorti tista', jekk jidhrilha xieraq skond iċ-ċirkostanzi tal-każ, tordna lill-Gvern, kif rappreżentat mill-awtorità tas-saħħa, li jħallas lil dik il-persuna ammont stabbilit mill-qorti bħala kumpens għal xi ħsara li tkun saret fl-oġġetti maqbuda jew f'xi parti minnhom, bl-eżami jew bl-analisi msemmi fl-artikolu 10(1)(*k*) sa (*p*).

Meta garanzija tista' tinġieb bħala difiża.

48. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, f'kull proċedimenti dwar reat skond dan l-Att jew skond regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu, li jkun reat li jikkonsisti fil-bejgħ, jew offerta, wiri jew reklam għall-bejgħ, jew li jkollu fil-possess tiegħu għall-bejgħ, xi oġġett jew sustanza, l-akkużat ikun jista' jiddefendi ruħu billi jipprova -

(*a*) li hu jkun xtrah bħala oġġett jew sustanza li tista' legalment tinbiegħ jew xort'oħra trattata kif intqal qabel, jew, skond il-każ, li tkun tista' tiġi hekk mibjugħa jew trattata taħt l-isem jew id-deskrizzjoni jew għall-għan li bih jew li għalih ikun biegħha jew ittratta biha, u b'garanzija bil-miktub f'dak is-sens;

(*b*) li hu ma kellu ebda raġuni li jaħseb, fiż-żmien ta' l-eġħmil tar-reat allegat, li kien xort'oħra; u

(*ċ*) li kienet, fiż-żmien ta' l-eġħmil tar-reat allegat, fl-istess stat bħal meta kien xtraha.

(2) Meta l-akkużat f'xi proċedimenti bħal dawk ikun impjegat jew aġent tal-persuna li tkun xtrat l-oġġett jew is-sustanza taħt garanzija, hu jkollu dritt li japplika d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu bl-istess mod kif min iħaddmu jew il-prinċipal tiegħu kien ikollu dritt jagħmel li kieku kien l-akkużat.

(3) Meta l-akkużat f'xi proċedimenti bħal dawk ikun ġie liberat bis-saħħa tad-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, jistgħu jinbdew proċedimenti ġodda kontra l-persuna li tkun allegata li għamlet il-garanzija li l-akkużat fil-proċedimenti oriġinali kien qagħad fuqha.

(4) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu u ta' l-artikolu 49, isem jew deskrizzjoni mniżżla f'fattura għandhom jitqiesu li huma garanzija bil-miktub li l-oġġett jew is-sustanza li għaliha jirreferu tista' tinbiegħ jew xort'oħra tiġi trattata taħt dak l-isem jew dik id-deskrizzjoni.

Garanzija qarrieqa.

49. (1) Akkużat li, f'xi proċedimenti skond dan l-Att, volontarjament japplika għal xi oġġett jew sustanza garanzija mogħtija dwar xi oġġett ieħor jew sustanza oħra jkun ħati ta' reat kontra dan l-Att.

(2) Persuna li, dwar xi oġġett jew sustanza, li dwarhom tista' teċċepixxi garanzija skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 48, tagħti lix-xerrej garanzija falza bil-miktub, tkun ħatja ta' reat kontra dan l-Att, kemm-il darba ma tipprovax li tkun tat il-

garanzija iktar minn sena qabel jew dak il-perjodu itwal li dwaru tkun ingħatat il-garanzija qabel ma l-fatti li jikkostitwixxu r-reat kienu ġraw.

L-uffiċjali prosekuturi jistgħu jissejħu bħala xhieda.

50. (1) Kull wieħed mill-uffiċjali msemmija fl-artikolu 42(2) jista' jissejjaħ bħala xhud fuq it-talba ta' l-akkużat.

(2) Meta, iżda, ix-xiehda ta' dak l-uffiċjal tkun mitluba mill-Pulizija, l-imsemmi uffiċjal għandu jinstema' qabel ma jibda d-dmirijiet ta' uffiċjal prosekutur, kemm-il darba l-ħtieġa tax-xiehda tiegħu ma tinqalax aktar tard fil-proċedimenti.

TAQSIMA VI

Mixxellanji

Ikel li jiġi ċedut volontarjament biex jinqered.

51. Meta xi ikel ikun ġie maqbud skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, u s-sid tiegħu jagħti l-kunsens bil-miktub biex dak l-ikel jinqered, l-awtorità tas-saħħa tista', wara li tieħu dawk il-kampjuni li jistgħu jenħtieġu biex jiġi ppruvat ir-reat, tordna li l-imsemmi ikel jinqered, mingħajr preġudizzju għat-teħid ta' xi proċedimenti kontra l-persuna responsabbli għar-reat.

Tħassir u riżerva. Kap. 231.

52. (1) Kull regolament jew ordni magħmula, jew kull liċenza mogħtija, skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar Hwejjeġ ta' l-Ikel, Mediċinali u Ilma tax-Xorb qabel it-tħassir tiegħu b'dan l-Att, għandhom, sakemm ma jkunux inkonsistenti mad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jew ta' xi regolamenti magħmulin taħtu, jibqgħu jsseħħu u jkollhom effett bħallikieku kienu saru jew ġew mogħtija taħt id-disposizzjonijiet relativi ta' dan l-Att.

(2) Kull proċediment legali mibdi taħt l-Att dwar Hwejjeġ ta' l-Ikel, Mediċinali u Ilma tax-Xorb qabel it-tħassir tiegħu għandu jitkompla bħallikieku dawk il-proċedimenti kienu ġew mibdija taħt dan l-Att.